MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1032/2004

**Il-Pulizija**

**(Asst. Kumm. Carmelo Magri)**

**vs**

**Maria Al Bako nee Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Maria Al Bako** nee' Camilleri ta' 33 sena, mart Kamel u bint Carmelo Camilleri mwielda go B'Kara fil-5 ta' Lulju, 1971 u li toqghod fil-fond bl-isem 'Trillium' Triq is-Siberja, M'Scala, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 366971(m);

> Akkuzata talli fit-12 t'Ottubru, 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer heddidt lil Cettina Kok bil-fomm li tikkagunalha offiza gravi u tajtha ordni jew kondizzjoni sabiex tizzewweg lil Abdalla El Ahmad detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24243(A), bi ksur tal-Art. 249(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li testorcju flus jew xi hag'ohra, jew li taghmel xi qliegh, bi vjolenza u b'theddid gielt lill-istess Cettina Kok sabiex tizzewweg lill-istess Abdalla Al Ahmad liema theddid wassalek fil-hsiebek u dan bi ksur tal-Art 250(1)(2) u 251 (1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputata kienet inizzjalment akkuzata flimkien ma' Keith Pace meta kienet iggib l-isem Maria Camilleri izda wara separazzjoni tal-gudizzju, l-kawza kompliet kontra z-zewg imputati separatament;

Rat illi fis-seduta tal-15 t'Ottubru 2014 il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-isem tal-imputata li kien akkordat minn din il-Qorti u b'hekk gie jaqra Maria Al Bako nee' Camilleri;

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-impuiata ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja fit-termini tal-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex tkun adoperata procedura sommarja fis-smiegh tal-kawza kontra taghha;

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tal-15 t'Ottubru 2014;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha;

Rat l-artikoli 249(2), 250(1) u (2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputata;

Semghet lid-difiza u lill-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijijet taghhom dwar il-piena li qablu li fil-konfront tal-imputata ghandu jkun applikat l-provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 fil-massimu tieghu.  Tenut kont li din il-proposta hija wahda logika konsiderat c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-imputata l-obbligi taghha naxxenti minn din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------